MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (SEDE CIVILI)
# MALTA

## MAGISTRAT DR.
## MONTEBELLO DENNIS B.A., LL.D.

Seduta ta' l-1 ta' Novembru, 2002

Avviz Numru. 172/2002/1

**Avviz Nru 172/02 DM**

**Medairco Limited**

**vs**

**L-Avukat Dottor Jeremy J. Debono**

Il-Qorti,

Rat l-avviz permezz ta’ liema l-atturi talbu li l-Qorti:-
1 tiddikjara illi l-atturi mhumiex debituri tal-konvenut fl-ebda ammont pretiz minnhu bhala drittijiet professjonali u dana billi hu gia’ thallas ghas-servizzi professjonali resi minnhu a bazi tal-ftehim ossia “retainer” li kien hemm esistenti bejnu u l-atturi u dana sakemm l-istess ftehim baqa fis-sehh u konsegwentement;
2 tordna li l-garanzija bankarja depositata permezz ta’ cedola ta’ depositu ppresentata kontestwalment ma dawn il-proceduri, sabiex jinhareg il-

kontro-mandat ghall-mandat ta’ sekwestru li jgib in-numru 592/02 fl-ismijiet *Avukat Dottor Jeremy J. Debono - vs - Medairco Co Ltd,* tigi rilaxxata a favur l-atturi.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut, inkluzi dawk relatati mac-cedola ta’ depositu u r- rikors u kontro mandat opportun u b’riserva ghall-kull azzjoni ta’ danni kontra l-istess konvenut. Ghal-finijiet ta’ kompetenza qed jigi ddikjarat li l-ammont mertu tal-kwistjoni ma jeccedix l-elfejn u tletin lira Maltin.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut Av Dr Jeremy Debono fejn eccepixxa illi:-

1 Preliminarjament in-nullita tal-proceduri odjerni stante li s-socjeta attrici istitwiet dawn il-proceduri ferm wara li kien skada ix-xahar moghti lilha mill-Artikolu 64 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta’ Malta. Illi ghalhekk l-azzjoni attrici oltre li hija perenta, hija ukoll dekaduta b’dan l-imsemmi Artikolu tal-ligi;
2 Fit-tieni lok, u ukoll in linea preliminari, in-nullita tal-proceduri odjerni stante li l-azzjoni sabiex wiehed jattakka taxxa ta’ spejjez gjudizzjarji kellha issir permezz ta’ rikors u mhux b’citazzjoni u dan skond l-Artikolu 64 tal-Kodici ta’ Organizzazzjoni u Procedura Civili – Kap 12;
3 Fit-tielet lok it-tassazzjoni li saret mill-Qorti hi korretta u saret skond il-ligi;
4 Fir-raba’ lok, it-talbiet attrici huma nfondata kemm fil-fatt u kemm fid-dritt u ghalhekk l-istess talbiet ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra l-istess socjeta attrici stante li ma kien hemm l-ebda ftehim dwar is-servizzi, zejda, rezi mill-konvenut lis-socjeta attrici.
5 Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat il-verbal tat-19 ta’ Gunju, 2002 fejn giet differita ghas-sentenza fuq l-ewwel eccezzjoni sollevata mill-konvenut.

Rat in-nota tal-Avukat Dottor Jeremy J. Debono ipprezentata fl-20 ta’ Gunju 2002.

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Semghet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-kontendenti;

Rat id-dokumenti esibiti;

Rat l-atti kollha tal-process; u

Ikkunsidrat:-

Illi bl-ewwel eccezzjoni tieghu l-konvenut qieghed jeccepixxi n-nullita’ tal-proceduri stante illi jallega illi l-atturi fethu dawn il-proceduri wara gheluq ix-xahar stabbilit mill-Artikolu 64 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta’ Malta, u ghalhekk l-azzjoni attrici hija perenta u hija wkoll dekaduta b’dan l-imsemmi  Artikolu tal-Ligi.

Il-partijiet ittrattaw dina l-eccezzjoni u talbu lill-Qorti tghadi ghas-sentenza dwar din l-ewwel eccezzjoni.

Ghandu jinghad mill-ewwel illi l-Artikolu citat fl-eccezzjoni mghotija mill-konvenut mhux l-Artikolu rilevanti ghal kwistjoni billi l-Artikolu 64 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta’ Malta jittratta biss dwar it-taxxa ta’ spejjez gudizzjarji li jigu ntaxxati mir-registratur tal-Qrati u li evidentement jirreferu esklusivament ghal spejjez in konnesjoni ma xi kwistjoni li tkun ingabet in gudizzju.

Jirrizulta wkoll illi t-taxxa illi  l-konvenut innotifika lill-atturi permezz tal-ittra ufficjali tat-23 ta’ Novembru 2001 ma hiex taxxa mahruga mir-registratur tal-Qrati izda hija taxxa mahruga mis-Sekond’Awla tal-Qorti Civili u dana a bazi tal-Artikolu 556 tal-Kap 12 tal-Kodici tal-Organizzazzjoni u Procedura Civili.

Dan l-Artikolu jipprovdi illi  huwa r-registratur tas-Sekond’Awla tal-Qorti Civili illi ghandhu jintaxxa d-drittijiet li jmissu lill-Avukati ghax-xogholijiet estra gudizzjarji u billi ghalhekk il-konvenut addotta din il-procedura quddiem is-Sekond’Awla huwa stess qieghed jiddikkjara illi d-drittijiet li qieghed jippretendi mhumiex drittijiet professjonali relattivi ghal  xi gudizzju izda huma drittijiet ghal xogholijiet estra gudizzjarji.

Dan l-istess Artikolu 556 pero' jipprovdi, bhal l-Artikolu 64, illi d-debitur tal-istess drittijiet professjonali reklamati mill-avukat ghandhu zmien ta' xahar biex jattakka dik it-taxxa, liema xahar jibda jiddekorri mill-gurnata li dik it-taxxa kienet giet notifikata lilhu.

Ghalhekk billi l-ittra ufficjali esibita a fol 15 (tal-process) kienet giet notifikata lill-atturi fit-28 ta' Novembru 2001 iz-zmien li fih huma setghu jattakkaw it-taxxa maghmula mir-registratur tas-Sekond'Awla kien ghalaq fit-28 ta' Decembru tal-istess sena u ghalhekk mal-prezentata tal-Avviz il-11 ta' Marza 2002 id-dritt taghhom li jitolbu ritassa kien lahaq skada.

Pero is-subinciz 5 tal-istess Artikolu 556 jistipula bic-car illi l-gheluq ta' zmien ta' xahar mhux ta' xkiel ghad-debitur biex b'kull mod moghti mill-Ligi jattakka l-ezistenza tad-dritt mitlub jew biex jipprova li dan id-dritt m'ghadux isehh. Trid isir distinzjoni bejn il-procedura kontemplata fl-Artikolu 556 li tirrigwarda appell mit-taxxa illi tkun saret mis-Sekond'Awla tal-Qorti Civili, ossia meta r-rati li jkunu gew applikati mir-registratur ikunu qieghdin jigu kkontestati, w il-procedura fejn ma humiex attakkati r-rati u l-mod kif gew intaxxati d-drittijiet izda tkun il-procedura li biha jigi attakkat d-dritt ta' min ottjena l-hrug tat-taxxa.

Mill-mod kif giet ifformulata t-talba tal-atturi jidher mill-ewwel illi l-atturi ma ghazlux il-procedura biex jattakkaw it-taxxa kif maghmula mir-registratur tas-Sekond'Awla tal-Qorti Civili, izda b'dan l-avviz huma qeghdin jattakkaw id-dritt tal-konvenut li jitlob minn ghandhom hlasijiet ghal xi servizzi estra gudizzjarju huma x'hin huma.

Ghaldaqstant lanqas m'hu applikabbli t-terminu stipulat mill-Artikolu 556 tal-Kap 12 u l-procedura tal-atturi li biha qieghdin jattakkaw l-ezistenza tad-dritt mitlub mill-konvenut hija maghmula skond il-ligi u ghaldaqstant il-Qorti qieghdha tirrespingi l-ewwel eccezzjoni preliminari sollevata mill-konvenut .

Bl-ispejjez riservati ghal-gudizzju finali.

Magt Dr D. Montebello BA LLD

S. Farrugia
Dep Reg Civ48